**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 46 – IT- TNEJN 26 TA' APRIL 2010**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m.

| **PREŻENTI:** | | |
|---|---|---|
| | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Joseph Camilleri | Kunsillier |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru ħamsa u erbgħin (45) kienu ntbagħtu lil kull membru tal -Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2. KORRISPONDENZA.

2.1. Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn it-13 ta' April u s 26 ta ' April 2010.

2.2. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1011/10. Din kienet stedina mid-diriġenti tal-programm Where's Everybody biex il-Kunsill Lokali jibgħat grupp mi ll-lokalita' tiegħu. Il-Kunsill ma' laqax it-talba.

2.3. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1015/10. Stedina għal korsijiet għal-pubbliku li sejrin jiġu organizzati bejn il-Gvern u l-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill tagħna sejjer jipparteċipa f'diversi korsijiet.

2.4 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1030/10. Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' bagħtet ir-rapport tagħha dwar il-proġett tal-Multi-Purpose Pitch u Car-Park fi Triq San Mikiel.

2.5 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1074/10. Il-Dipartiment tal-Gvern Lokali ġibed l-attenzjoni ta' dawk il-Kunsilli li ma kienux qed itellgħu il-Minuti tal-Kunsill u l-Agenda fuq il-Website tagħhom.

2.6 Is-Sindku Anthony Dalli irrefera għal-korrispondenza Nru. 1099/10 fuq skema ta' għajnuna finanzjarja għal-korsijiet "lifelong learning" fejn ikkonferma l-parteċipazzjoni tal-Kunsill tagħna f'diversi korsijiet b'xejn għar-residenti tagħna.

2.7 Il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo irreferiet għall-korrispondenza Nru. 1118/10. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali talab informazzjoni mingħand il-Kunsilli dwar attivitajiet tal-Karnival li għamlu matul dawn l-aħħar snin.

2.8 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1127/10. Din kienet risposta li bagħat il-Kunsill tagħna lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jindika li sejjer juża s-Sala tal-Kunsill biex idaħħal il-"Wifi Access Point".

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn t-13 ta' April u s-26 ta' April 2010, kif tidher annessa bħala dokument C.

3.2 Rigward rapporti Nru. 123140 bozza fi Triq Stefano Erardi u 123194 bozza fi Triq il-Wied, bozoz fuq arbli tal-Enemalta, il-Kunsill kiteb lill-Enemalta biex jieħdu passi.

3.3 Rigward ilment Nru. 122998 mingħand resident ta' Triq Dwardu Cachia li kull meta jixgħel id -dawl fis-7.30pm tinqatalu s-salvavita. Il-Kunsill diġa bagħat rapport lil l-Enemalta.

3.4 Rigward ilment Nru. 19/04-1 li fil-parapett tal-Keune fi Triq San Mikiel ħierġa pjanta tniggez. Il-Kunsill sejjer jinforma lis-sid biex jieħu ħsieb jaqtagħha.

3.5 Rigward rapport Nru. 123294 li f'residenza privata fi Triq Alfons Maria Galea qed jidħol id-drenaġġ fil-basement. Il-Kunsill bagħat rapport minnufih lid-Dipartiament tas-Saħħa.

3.6 Rigward rapport Nru. 22/04-2 li fi Triq il-Ħwawar qed jgħaddu ħafna trakkijiet kbar meta hemm it-tabelli. Din kienet miżura temporanja mil-Awtorita' Trasport Malta sakemm isiru xi trinek fl-istess triq.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

4.3 Is-Segretarju ressaq talba mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex inġeddu l-Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Kunsilliera. Hu staqsa min xtaq li jerġa jinkiteb. Il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillier Joseph Camilleri, Margaret Zammit u Ronald Cauchi talbu biex jerġgħu jinkitbu.

4.4 Għaldaqstant is-Segretarju sejjer jieħu ħsieb iġedded din il-polza għal sena oħra ta' l-erba' Kunsilliera.

## 5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA` TA' L-IPPJANAR.

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 05125/08. Sit fi Triq il-Wied. Proposta għal villa semi-detached. L-applikazzjoni ġiet imwarba.

5.3 Dwar PA 05554/09. Sit fi Triq Prinjol. Bini ta' żewġ semi-detached bungalows u semi-basment taħt. L-applikazzjoni ġiet differita.

5.4 Dwar PA 03423/09. 113, Triq Geronimo Abos. Approvazzjoni biex jitwaħħlu tined tal-canvas. L-applikazzjoni ġiet differita.

5.5 Dwar PA 02350/09. Bini maġenb Russel Buildings, Triq in-Naxxar. Alterazzjonijiet ġewwa u barra biex jinqaleb uffiċċju għal żewġ ħwienet għal klassi 4 u approvazzjoni tal-cladding. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.6 Dwar PA 03948/09. Bini tat-tieni sular fuq il-bini eżistenti. 26, Triq Giovanni Curmi. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.7 Dwar PA 04046/10. 'Change of use' minn residenza għal ħanut klassi 4 (ħanut ta' l-arti). 2, Maranta Triq Dun Karm kantuniera ma' Triq Geronimo Abos. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.8 Kien hemm applikazzjonijiet ġodda:
PA 01129/10. Twaqqiegħ ta' dar eżistenti u bini ta' erba' appartamenti, tlett garaxxijiet u ħanut. Casa Ramoann, Triq Geronimo Abos.
PA 01352/10. BIex jinfetħu twieqi fit-taraġ u jingħalqu galleriji bl-aluminium skond il-permess PA 5631/08. 63, Petlou, Triq l-Iklin c/w Triq Stefano Erardi.
PA 03934/09. Approvazzjoni ta' xogħlijiet li saru fuq barra ta' Diskoteka li diġa għandha permess. Stitch Discotheque, Triq Gharghur.
PA 00412/10. Twaqqiegħ ta' propjeta' u bini ta' semi-basement garaxx, appartament, appartament fl-ewwel sular, fit-tieni sular, u penthouse fis-sular tal-bejt. 118, Triq Patri Anastasju Cuschieri.

5.9 Kien hemm talba mingħand il-konsulent tagħna biex nagħmlu oġġezzjoni fuq l-applikazzjoni PA 01129/10. Casa Ramoann, Triq Geronimo Abos.

5.10 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-permess Nru. 02687/07 tal-Keramit Bathroom Centre għaliex jidher li dan beda bix-xogħlijiet meta għadu ma' nħariġġx il-permess.

5.11 Għaldaqstant is-Segretarju għandu jagħmel ricerka fuq dan il-permess.

## 6. BINI TAL-UFFIĊĊJU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI.

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli poġġi kopja tal-pjanta tal-uffiċċju l-ġdid fuq il-mejda biex jaraha kulħadd.

6.2 Wara li saret diskussjoni fuqha din ġiet approvata minn kulħadd.

6.3 Għaldaqstant is-Sur Dalli żied jgħid li issa ngħaddu għat-tieni fażi fejn issir konsultazzjoni pubblika mar-residenti.
Hu qara' 'flyer' li sejjer jintbagħat fid-djar kollha fl-Iklin bid-dettalji tal-ħinijiet meta wieħed jista' jiġi jara l-pjanti fl-Uffiċċju.

6.4 Barra minhekk is-Sur Dalli qara' formola li sejra tintuża biex wieħed jagħmel is-suġġerimenti tiegħu, jekk jkun jixtieq,

meta jiġi l-Kunsill.

6.5 Wara li dawn ġew mdawrin mal-Kunsilliera, l-istess formoli ġew approvata u sejrin jitqassmu mar-residenti minnufih.

## 7. ĦRUĠ TA' OFFERTI GHAL-SUSTAINABLE ENERGY ACTION PLAN

7.1 Is-Sindku Anthony Dalli qal li dan il-Pjan huwa marbut mal-Patt tas-Sindki li sejjer jiġi iffirmat fi Brussell u li jorbot kull Membru biex jagħmel pjan stategiku biex inaqqas it-tniġġis fl-arja sas-sena 1020 fil-lokalita' tiegħu.

7.2 Biex isir dan kien hemm bżonn tinħareġ sejħa pubblika għall-offerti. Ghaldaqstant il-Kunsill lesta d-dokumenti meħtieġa u din l-offerta sejra tidher fil-Gazzetta tal-Gvern u f'ġurnal ewlieni.

7.3 Wara l-għeluq issir l-għażla għall-aħjar offerta.

## 8. ĠUDIKAZZJONI TAT-TENDER 1/10 – MANTENIMENT U KISI TA' TOROQ.

8.1 Is-Sindku Anthony Dalli irrefera għal dan it-Tender li kien ġie miftuħ fit-18 ta' Marzu 2010.

8.2 Hu qal li kienet għadha għaddejja l-għazla mill-Konsulent tagħna u d-deċizjoni titħabbar aktar 'il quddiem.

## 9. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

9.1 Is-Sur Dalli beda biex irrefera għal ġita ta' ġurnata li sejjer jorganizza l-Kunsill Lokali għal-Sqallija s-Sibt 26 ta' Ġunju 2010.
Huwa qara' l-programm kollu u ħabbar li din sejra tkun tiswa €170 għal-kbar u €145 għat-tfal taħt 'il 11 il-sena, kollox inkluz.
Kulħadd qabel li din għandha tiġi organizzata u jinħareg flyer għal din l-attivita'.

9.2 Is-Sindku Anthony Dalli ippreżenta xi brochures bil-prezzijiet ta'siġġijiet (Executive Swivelling Chairs) li ġibna mingħand

ditta ewlenija biex jinbidlu ma' dawk li hemm preżenti mal-mejda fejn jiltaqa' l-Kunsill.

9.3 Is-Sindku talab lill-Kunsilliera jarawhom ftit biex aktar il-quddiem tittieħed deċizjoni fuqhom peress li dawk li hemm preżenti issa qdiemu.

9.4 Is-Sur Dalli ippreżenta rapport dettaljat li rċieva l-Kunsill Lokali mingħand il-Konsulent dwar affarijiet tal-Mepa fejn dan bagħat il-kondizzjonijiet li mponiet il-Mepa fuq il-permess PA 02917/09 fuq sit ġdid fi Triq il-Wied.

9.5 Peress li kien għamel mistoqsija fuq dan is-sit il-Kunsillier Ronald Cauchi, is-Sindku talab lis-Segretarju jgħaddilu kopja.

10. **AĠĠORNAMENT.**

10.1 Peress li ma kienx hemm iżjed x'niddiskutu, l-laqgha ġiet fi tmiemha fis-6.30pm u kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 10 ta' Mejju 2010 fil-5.30pm.

10.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill tat-Tnejn 10 ta' Mejju 2010 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv. |